MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 345/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Marvin Pavia**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Marvin Pavia, bin Carmelo u Theresa nee Saliba, imwieled fl-24 ta’ Frar 1978, detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 126578M, talli f’dawn il-Gzejjer fl-20 ta’ April 2003 u fl-erba’ xhur ta’ qabel, fil-Fgura u fi bnadi ohra ta’ Malta, f’hinijiet differenti (**1**) kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101, liema droga instabet f’tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu, u (**2**) talli bejgh jew xort’ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dik ir-raza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Novembru 2008 li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni tal-istess Marvin Pavia registrata fl-udjenza tas-17 ta' Gunju 2008, iddikjarat lill-imsemmi Marvin Pavia hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu tnax-il (12) xahar prigunerija u multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200), pagabbli b'rati ta' hamsin Euro (€50) fix-xahar, bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard mid-data ta' dik l-istess sentenza; dik il-qorti wkoll ikkundannatu jhallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal tlett mija u sittin Euro u sbatax-il centezmu (€360.17). Fl-ahharnet l-ewwel qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht is-supervizjoni tar-Registratur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Marvin Pavia, minnu ppresentat fil-21 ta' Novembru 2008, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-appellant jilmenta li l-ewwel qorti ma tatx piz bizzejjed ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 29 tal-Kap. 101, ghall-ammissjoni tieghu fl-istqarrija lill-pulizija u in segwitu l-ammissjoni tieghu quddiem l-ewwel qorti, u ghall-fatt li hu ghandu impieg stabbli. Jilmenta wkoll li ma giex applikat l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali dwar il-mezz ghall-fini. Ighid ukoll li "wiehed legittimament jista' jargumenta…illi l-ewwel imputazzjoni u cioe` dik ta' pussess mhux ghall-uzu esklussiv hija kompriza u involuta fit-tieni imputazzjoni, dik ta' traffikar".

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-appell huwa inforndat. In fatti dana l-appell ma hu xejn ghajr tentattiv fjakk biex l-appellant jipprova jkompli jirrimanda l-inevitabbli. Jibda biex jinghad li ma hemm ebda konkors formali jew ideali bejn ir-reat ta' pussess mhux ghall-uzu esklussiv ta' dak li jkun, u r-reat ta' traffikar mill-istess persuna, kif donnu qed jippretenti l-appellant bir-referenza li ghamel fir-rikors tieghu ghan-nozjoni tal-"kompriz u involut". Ghalkemm huwa minnu li l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, ma

semmietx specifikatament l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali – dwar il-konkors materjali fejn reat iservi bhala mezz biex isir reat iehor – huwa evidenti pero` li dik il-qorti tat effettivament piena wahda, proprju kif irid l-imsemmi Artikolu 17(h). F'dan il-kaz iz-zewg reati – dak ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni u dak ipotizzat fit-tieni imputazzjoni – huma ta' l-istess gravita` u ghalhekk ma taghmilx differenza jekk il-piena tinghatax ghar-reat ta' pussess kwalifikat jew ghal dak ta' traffikar. Il-piena ghal wiehed minn dawn ir-reati kienet ta' prigunerija ta mhux anqas minn sitt xhur izda mhux aktar minn ghaxar snin, u multa ta' mhux anqas minn €465.87 u mhux aktar minn €11,646.86. Huwa evidenti li anke bl-applikazzjoni b'kollox tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 – li l-ewwel qorti qalet car u tond li kienet qed tapplika – il-piena erogata tqarreb ferm aktar lejn il-minimu milli lejn il-massimu, u hija fil-parametri tal-ligi. Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, ma tistax ma tinjorax il-fatt li, kif jirrizulta mill-istqarrija tal-appellant maghmula lill-pulizija, huwa ttraffika r-raza tal-*cannabis* f'diversi okkazzjonijiet, u dana unikament ghal skop ta' lukru minhabba l-problemi finanzjarji li kellu. Ghalkemm ic-citazzjoni harget f'Novembru tal-2003 u l-ewwel udjenza quddiem il-Qorti Inferjuri nzammet fl-4 ta' Ottubru 2004, kien biss fis-17 ta' Gunju 2008 li l-appellant irregistra ammissjoni fil-qorti. Il-Qorti Inferjuri kienet, in fatti, lahqet innominat perit (spizjar) biex jezamina l-oggetti misjuba ghand l-appellant, allura imputat, b'mod li issa l-appellant ikollu jhallas anke l-ispejjez peritali. Kif osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, huwa minnu li kien hemm ammissjoni gudizzjarja, izda din ma tistax titqies bhala wahda bikrija. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel qorti hadet in konsiderazzjoni dak kollu li kellha tiehu in konsiderazzjoni, u ma tara assolutament ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-piena erogata minn dik il-qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan pero` li l-ewwel pagament ta' €50 ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-appellant jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza konfermata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika ma' l-awtoritajiet karcerarji din id-data.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------